MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Numru. 715/2013

**SPETTUR DARREN BUHAGIAR**

**VS**

**IBAHRIM AL SALOUM**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ibarhim Al Saloum ta' 33 sena, nazzjonalita' Sirjana, bin Mohammed u Khadija mwieled Idlib, is- Sirja nhar il- 5 ta' Lulju 1980, residenti 23, Sunrise Court, Triq il- Miklem Malta, M'scala;

Talli ;

1) Fit- 22 ta' Settembru 2011 jew granet precedenti ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhal dawn il- pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l- atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella billi zied jew biddel klwasoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, jew minghajrha;
2) Talli fl- istess data u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;
3) Talli fl- istess data u cirkostanzi kiseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fid-29 ta' Lulju, 2013, irrappurtat certu Josephine Hurst lill-Pulizija li s-sieheb taghha, Ibrahim Al Saloum, kien wettaq vjolenza fuqha, u riedet li l-Pulizija jiehdu passi. Qalet ukoll li dan Al Saloum kellu zewg dokumenti pubblici, wiehed f'isem Ibrahim Al Saloum u iehor f'isem Jouma Saloum, u li kien ghamel hekk peress illi bl-isem Jouma kien tkecca minn Malta, izda minnflok hu baqa' Malta u nizzel ismu bhal Ibrahim. Ghalhekk seta' jaghti l-kaz li dan l-individwu kien qieghed Malta irregolarment. Gew avzati l-Pulizija tat-taqsima tal-Immigrazzjoni, gie arrestat u interrogat l-imputat, u ttiehdu dawn il-proceduri fil-konfront tieghu, fejn gie mressaq bir-reat ta' falsifikazzjoni, uzu ta' dokument falz, u li ghamel dikjarazzjoni falza.

Illi l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni huma ghal kollox karenti f'dan ir-rigward. Ma giet prodotta ebda prova li l-imputat iffalsifika xi dokument, jew li xjentement ghamel uzu minn dokument falz. Se mai, mill-fatti tal-kaz, l-izjed li wiehed jista' jasal hu li l-imputat ghamel dikjarazzjoni falza lill-Awtoritajiet maltin. Izda anke hawnhekk, kull m'ghandna hi l-kelma ta Josephine Hurst li

Ibrahim u Jouma huma l-istess persuna, liema prova izda ma saretx, peress illi Hurst ma xehditx f'dawn il-proceduri. Ghalhekk ir-rapport taghha jibqa' biss detto del detto u ma jistax jokkostitwixxi prova f'dan ir-rigward. Li ghandha quddiemha l-Qorti, ghalhekk, huwa biss zewg identitajiet ta' zewg persuni. Il-Qorti m'ghandhiex prova li dawn iz-zewg persuni huma fil-fatt l-istess persuna. Ghalhekk l-imputat m'hux ser jinstab hati ta' dawn l-akkuzi u ser jigi lliberat minnhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 183, 184 u 188 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------